FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A. MICALLEF TRIGONA LL.D. MAG. JURIS (EU LAW)
MAGISTRAT

Il-Pulizija
(Supretendent Pierre Calleja u
Spettur Alexandra Farrugia Mamo
vs
Josephine sive Joanne Vella
Carmel sive Charles Zammit u
Mark Abdilla

Illum 6 ta' Awissu 2001.

Il-Qorti,

Rat l-atti tal-kumpilazzjoni kontra l-imputati:
Josephine sive Joanne Vella ta' 40 sena bint Joseph u Gaetana née Portelli, imwielda Hamrun u residenti numru 5, Islington Court, Triq Mensija, Ban Giljan, detentrici ta' karta ta' l-identita` numru 343155 (M);

Carmel sive Charles Zammit ta' 26 sena, bin il-mejjet Joseph u Theresa née Fenech, imwieled Hal-Qormi u residenti St Martin, Triq San Guzepp Vella, Qormi, detentur tal-karta ta' l-identita` 504068(M);

Mark Abdilla ta' 20 sena. bin Carmelo u Catherine née Degiorgio, imwieled Qormi u residenti Appartament numru 3, St Nicholas Flats, Triq Nazju Ellul, Gzira, detentur ta' karta ta' l- identita` numru 59675(M**),** akkuzati talli:
f'Malta fis-27 ta' Awissu 1995 u fix-xhur ta' qabel b'diversi atti maghmulin fi zmien differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda u cioe`:

1. fil-perijodu ta' qabel is-27 ta' Awissu 1995 f'San Giljan ikkommettew serq ta' diversi oggetti mill-fond numru 6, Islington Court, Triq Mensija, San Giljan, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, bil-vjolenza numerika, bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000), bil-hin u bil-lok u li sar ghad-detriment ta' Mary Fogerty;

2. iffalsifikaw cedola, polza, ordni, jew dokumenti ohra illi meta gew prezentati rcievew bihom hlas jew hadu kunsinna ta' l-oggetti jew gabru depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern u xjentement ghamlu uzu mill-istess dokumenti iffalsifikati u cioe` cekkijiet tal-Mid-Med Bank li jappartjenu lil Mary Fogerty;

3. ghamlu falsifikazzjoni ta' att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem u cioe` cekkijiet tal-Mid-Med Bank li jappartjenu lil Mary Foggerty, billi holqu pattijiet, depozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi jew helsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati nkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew jippruvaw u aktar talli xjentement ghamlu uzu mill-istess dokumenti falsifikati u cioe` cekkijiet tal-Mid-med Bank li jappartjenu lil Mary Fogarty;

4. sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom infushom jew ghal haddiehor f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew taw taghrif falz;

5. b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz jew billi nqdew b’qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b’ohra sabiex igeghlu titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, seta’ fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, ghamlu qliegh b’qerq ta’ aktar minn Lm1,000 ghad-detriment ta’ Mary Fogarty u persuni ohra;

6. fl-istess perijodu xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta jew xjentement b’kull mod li jkun indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;

7. fl-istess perijodu volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` ghamlu hsara fir-residenza numru 6, Islington Court, Triq Mensija, San Giljan, liema hsara teccedi is-somma ta’ Lm50 izda ma teccedix is-somma ta’ Lm500 u li saret ghad-detriment ta’ Mary Fogarty;

8. kontra Carmel sive Charles Zammit u Mark Abdilla wahedhom: talli, f’Ghajn Tuffieha nhar is-27 ta’ Awissu 1995 f’xi hin wara nofs in-nhar ikkommettew serq ta’ oggetti mill-kumpless ta’ Hal Ferh, liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, valur u lok u li sar ghad-detriment ta’ Van Clooter Oswald ta’ nazzjonalita` Belgjana;

9. kontra Josephine sive Joanne Vella: talli, ikkommettiet reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija fil-perijodu operattiv ta’ sentenza sospiza datata 26 ta’ April 1993, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

10. kontra Mark Abdilla: talli, ikkommetta reat li ghalih hemm piena ta ‘ prigunerija fil-perijodu operattiv ta’ sentenza sospiza datata 4 ta’ April 1995, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula; wkoll, talli, sar recidiv b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 24 ta’ Marzu 1995, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

11. kontra Carmel sive Charles Zammit talli kiser il-provedimenti ta’ l-Artikolu 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta’ Malta b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 29 ta’ Settembru 1993 fejn hu kien gie misjub hati ta’ reat u illiberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin; ukoll, talli, fil-Belt Valletta fil-21 ta’ Awissu 1995 u fix-xhur ta’ qabel halef il-falz quddiem Ufficjal Pubbliku li ghandu s-setgha li jaghti l-gurament, liema gurament kien mehtieg bil-ligi.

Rat l-att tar-rinviju ta’ l-Avukat Generali (folio 540) fil-konfront ta’ l-imputat Carmel sive Charles Zammit u Mark Abdilla fejn stqarr li mill-atti tal-kumpilazzjoni setghet tinstab htija (jew htijiet) taht dak li hemm mahsub fl-artikoli minnu hemm citati fil-konfront taz-zewg imputati fuq imsemmija u iddecieda kif hemm mahsub fl-Artikolu 370 (3) (a) tal-Kodici Kriminali li jibghat lill-imsemmija imputati biex jigu iggudikati minn dina l-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali f’nuqqas ta’ oggezzjoni minn naha ta’ l-istess imputat.

Stante li din is-sentenza tolqot biss l-imputat Carmel sive Charles Zammit rat li huwa ma kellux oggezzjoni li l-kawza tinstema’ u tigi deciza minn dina l-Qorti.

Semghet ix-xhieda fil-kumpilazzjoni u kull prova li gabet id-difiza.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

Dan il-gudikat hu fil-konfront biss ta' l-imputat Carmel sive Charles Zammit stante t-talba ghas-separazzjoni tal-gudizzju li saret fil-konfront ta' l-imputat Mark Abdilla minhabba li jinsab serjament marid u rikoverat l-isptar liema talba giet akkolta fit-28 ta' April ta' din is-sena u stante wkoll li gia` precedentement kienet giet milqugha talba simili fil-konfront ta' Joanne Vella minhabba li tinsab mahruba minn Malta u fir-rigward l-imsemmija Joanne Vella l-Qorti kienet halliet il-proceduri tal-kumpilazzjoni 'sine die' b'verbal tad-19 ta' Gunju 1999 wara nota ta' l-Avukat Generali datata 8 ta' Gunju 1999 (folio 588).

Ai termini tar-rinviju ta' l-Avukat Generali l-imputat Carmel sive Charles Zammit huwa akkuzat:
[a] taht il-Kap 9 - b'serq aggravat bil-vjolenza, mezz, ammont, lok u hin; bir-reat ta' dhul illegali go proprjeta` (Artikolu 330); b'falsifikazzjoni (Artikoli 167, 170, 183); b'dikjarazzjoni falza lill-Ufficjal Pubbliku (Artikolu 188); bi truffa u qerq (Artikoli 308, 309, 310); b'gurament falz (Artikoli 108, 109); bi hsara volontarja (Artikolu 325 (a)); b'ricettazzjoni (Artikolu 334);
[b] taht il-Kap 152 li kiser ordni ta' probation u liberazzjoni taht kundizzjoni (Artikoli 5, 9, 10).

Ta' dawn l-addebiti l-imputat ghandu jinstab hati stante l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tieghu skond verbal tas-27 ta' April ta' din is-sena.

In vista ta' dan din il-Qorti ser tghaddi minnufih biex tikkonsidra l-piena. Fil-kors tal-kawza hi semghet diversi xhieda fosthom 'Probation Officers' u sahansitra psikjatra dwar l-istat psikiku ta' l-imputat. Huma lkoll xehdu b'mod pozittiv dwar l-imgieba llum ta' l-imputat u dwar il-progressi kbar li ghamel. Il-Qorti mhix tal-fehma li ghandha tiddisturba dan l-istat ta' fatt u hi l-ferma opinjoni taghha li dawn ir-ragunijiet huma specjali u eccezzjonali fis-sens li tista' tapplika l-Artikolu 21 u tinzel taht il-minimu ta' piena preskritta mill-ligi.

Ghalhekk u wara li rat l-Artikoli tal-ligi kollha citati mill-Avukat Generali senjatament l-Artikoli 261(a)(b)(c)(e)(f), 263, 264, 267, 269, 270, 276, 269, 280, 330, 167, 170, 183, 188, 308, 309, 310, 325, 108, 109, 49, 50, 31, 28G u H, u 17 tal-Kap 9 u l-Artikoli 5, 9 u 10 tal-Kap 152, tiddeciedi li bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 21 tal-Kap 9, tikkundannah sena prigunerija li minnha ghandu jitnaqqas kull perijodu li l-imputat ghamel taht arrest preventiv.

A. M. Trigona,
MAGISTRAT.

Niddikjara li ttraskrivejt bis-sewwa u fedelment, u skond l-ahjar taghrif u hila tieghi r-registrazzjoni tat-'tape'.

Albert P. Calleja,
Dep. Registratur.